

# Il-Marċ ta' Filgħodu fil-Festa Titulari fiż-Żurrieq

Jeremy Cachia

Il-Marċ ta' filgħodu hekk magħruf magħna l-Palmisti bħala l-marċ tat-Te Deum, minn dejjem kien isir f' lejlet il-festa. Dan il-marċ jibda eżatt kif tispiċċa l-funzjoni ta' Te Deum minn quddiem il-bieb il-kbir tal-knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M.. Il-mibki u ex-direttur tal-Orkestra Santa Katarina V.M. is-Surmast Ferdinando Falzon kien iddeskriva li sa mill-1912 kien diġà beda jsir dan il-marċ ta' filgħodu. Is-Surmast żied jgħidilna li f' dawk iż-żminijiet, kemm fil-marċ ta' filgħodu u kif ukoll ġurnata qabel fil-programm tal-aħħar Tridu kienu jindaqqu 2 innijiet f' ġieħ Santa Katarina V.M. – *Nata di stirpe nobile* u l-*Innu Marċja Infaħħru 'l Katarina.* Dawn kienu versi u mużika tas-surmast Nikola Montebello u kienu jitkantaw mill-kor tat-tfal tal-stess Soċjetà.[1] Aktar minn hekk dan il-marċ fil-festa titulari jissemma' għal ewwel darba fl-1890 fl-arkivji parrokkjali tal-knisja – 'March del Mezzogiorno della Vigilia' jiġifieri l-marċ popolari ta' lejlet il-festa f' nofs inhar.

Dan il-marċ ta' filgħodu l-istess bħal marċ tal-Ġimgħa dejjem evolvew u kibru tant li llum il-ġurnata huma magħrufin u popolari ħafna ma' diversi dilettanti Maltin tal-marċi u l-brijju. Is-Soċjetà minn dejjem ħasset il-ħtieġa li dan il-marċ ta' filgħodu m' għandu qatt isir il-Ħadd f' Jum il-Festa. Dan sabiex il-Ħadd - Jum is-Sollenità tal-Festa - tkun ġurnata esklussiva biss għall-attivitajiet liturġiċi mdawwrin ma' Santa Katarina V.M.. Eżattament ftit siegħat biss wara dan il-marċ ta' filgħodu, il-festa taqleb għas-sollenità tagħha bit-translazzjoni tar-relikwija għażiża tal-qaddisa Katarina li toħroġ mill-Jappella ta' San Ġakbu sal-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M.. L-għada l-Ħadd filgħodu, il-Banda Santa Katarina V.M. ittella' lill-Prim Konċelebrant sollenement bil-marċi minn triq Dun Ġużepp Zammit sad-dar tal-Arċipriet fejn wara tibda l-Quddiesa l-Kbira bil-paniġierku. Imbagħad filgħaxija l-festa tilħaq il-qofol tagħha bil-Purċissjoni bl-istatwa artistika u devota ta' Santa Katarina V.M. u bir-relikwija għażiża tagħHa!

1 Mangion A., Zerafa K., Santa Katarina – Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq, Malta, 1989, p236.



*Il-marċ ta' Te Deum fl-1948. Il-Banda Santa Katarina V.M. flimkien mal-partitarji tal-festa Santa Katarina V.M. fi Triq San Bert quddiem il-Kappella ta' San Bert.*